## DISKORS MIL-PRESIDENT TAL-ALPS QABEL IL-QUDDISA

# FESTA SANT ANNA 2016

GRAZZI TALLI GEJTU TAQSMU MAGHNA **DAN IL-FERH FIL-FESTA SANT ANNA TAL-PWALES**.

IL-GHANA TAL GHASAFAR, IL-HSEJJES TAL-GHELIEQI, XI KULTANT L-ILMA JNIXXI GHAWN TAHT DIN KAPPELLA, JIMLINA BIL-PACI F'DIN IL-LEJLA SABIHA SAJFIJA TAX XAGHAR TA LULJU

BLA DUBJU TA XEJN, DIN IL-KAPPELLA TIGBED HAFNA NIES GHALIEX IL -POST FEJN TINSTAB IGIEGHEL BOSTA NIES JIGU JZURUHA. **ILLUM ID-9 TA LULJU**, **AHNA TAL-ASSOCIATION OF LYCEUM PAST STUDENTS,** ERGAJNA HEJJEJNA PROGRAM TA FESTA. GHANDNA PJACIR INHABBRU LI GHAWN FOSTNA IL-KAPPILLAN MILL PARROCCA TA SAN PAWL IL-BAHAR U LI TAHT L-ISTESS PARROCCA TAGHMEL PARTI DIN IL-KAPPELLA CKEJKNA. HUWA VERAMENT TA PJACIR GHALINA LI FR. MICHAEL ATTARD SER IQADDES DIN IL-QUDDIESA GHALINA L-LEJLA.XTAQNA LI JKUN GHAWN MGHANA WKOLL FR. WILLIAM BARTOLO, IZDA MINHABBA XOGHOL LI GHANDU FIL-PARROCCA TAL-QAWRA, BGHAT JISKUZA RUHU GHALIEX MA SETAX JATTENDI GHAWN ILLUM. FORSI NARAWH IZJED TARD FIL-GHAXIJA WARA LI JLESTI MILL QUDDIES FIL PARROCCA TIEGHU.

DIN IL-KAPPELLA ILA ISSA **TAHT IDEJN L-ALPS MIS-SENA 2000**. HDIMNA AHNA B-IDEJNA STESS SA MILL BIDU NETT MINN META GIET MOGHTIJA LILNA HALLI NUZAWAHA, NINDUKRAWHA, U NZOMMUHA FI STAT MILL-AQWA, KIF VERAMENT JIXIRQILHA. F'DAWN IS-SITTAX IL-SENA LI GHADDEW GHAMILNA BOSTA XOGHOLIJIET IZDA, TORT TAL-ELEMENTI, DAN IL-POST IKUN JINHTIEG MANUTENZJONI KONTINWA SABIEX INZOMMU DEJJEM IL-KAPPELLA TAL-PWALES FI STAT TAJJEB. FIL-FATT, ERGAJNA ISSA DIN IS-SENA WASALNA BIEX NAGHMLU XOGHOLIJIET KBAR TA MANUTENZJONI, SIJA FIL-KAPPELLA STESS KIF UKOLL FIS SAGRISTIJA U L-KMAMAR TA FUQ. TAFU INTHOM LI XEJN MA JSIR MINGHAJR MA TONFOQ IL-FLUS. DIGA GHAMILNA KUNTATTI MA NIEX TAS-SENGHA LI SEJRIN MINN DAN IX-XAGHAR STESS JIBDEW JAHDMU HALLI INTHOM ISSIBU L-KAPPELLA TAL-PWALES MIZMUMA FI STAT TAJJEB U NADIF KIF JIXRAQ LILL DAN IL- POST U KIF UKOLL JIXRAQ LILL MEMBRI W'HBIEB TAL-ALPS.

ILLUM SER NITLOBKHOM TKUNU IZJED SOLIDALI MAGHNA HALLI NTAFFU FTIT MILL-ISPEJJES LI DEHLIN GHALIHOM DALWAQT. IX-XOGHOL MILL HADDIEMA JRID JITHALLAS. IL-MATERJAL IRID JINXTARA GHALKEMM, TAJJEB LI NSEMMI, LI DIGA INHOLOW RUH TAJBA TA BENEFATTUR LI GHOGBU JIRREGALALNA XI FTIT MATERJALI LI NINHTIEGU GHAL DAWN IT-TISWIJIET FIS-SOQFA, HITAN, BATHROOMS U RKEJJEN OHRA LI KOLLHA SER JINGHATAW ATTENZJONI WAQT IR-REFURBISMENT LI SER ISIR.

NITLOBKHOM TKUNU GENERUZI MAGHNA GHAX GHANDNA BZONN MILL ANQAS TLETT ELEF EWRO HALLI NLESTU DAK KOLLU LI SER NIDHLU GHALIH.ILLUM SINJURI, META JIGU SHABI JIBGRU DIK IX-XI HAGA LI SEJRIN INTHOM TAGHTUNA, TOHROG MILL-QALB TA KULL WIEHED U WAHDA MINNKHOM. IRRIDU FLIMKIEN NASSIGURAW LI DIN IL-KAPPELLA TAL-PWALES TIBQA DEJJEM FI STAT TAJJEB. IRRIDU LI INTHOM TIGU GHAL QUDDIES LI NORGANIZZAW GHALIKHOM MA TUL IS-SENA. L-ALMANAKK BIL-GRANET U HIN JINSTAB FIN-NEWLETTER TAL-ALPS.JEKK GHAWN FOSTNA XI HADD LI JIXTIEQ

JINGHAQAD MAGHNA BHALA EX-STUDENT TAL-LICEO JEW FORSI BHALA FRIEND OF THE ALPS, AVVICINAW LILI JEW XI MEMBRU MILL-KUMITAT HALLI NIEHDU ISIMKHOM U TIBDEW TIRCIEVU IZJED DETTALJI MINN GHANDNA.

NAGHLAQ BILLI NIRRINGRAZZJA LILL REV. KAPPILLAN TA SAN PAWL LI GHOGBU JIGI JQADDES U LILL FR. WILLIAM BARTOLO LI MA TUL IS-SENA DEJJEM ISIB HIN SABIEX JIGI JQADDES GHALINA

NIRRINGRAZZJA LILL DAWK SHABI FIL KUNSILL TAL-ALPS LI GHOGOBHOM JIGU JAGHTU DAQQA T'ID FIL-PREPARAMENTI SABIEX INZEJNU GHALL DIN IL-FESTA. IRRID INSEMMI LILL TONY AQUILINA LI GHALKEMM MA GHADUX ISERVI FUQ IL-KUNSILL TAL ALPS, XORTA WAHDA JSIB IL-HIN SABIEX JGHIN

NIRRINGRAZZJA LIR-RESIDENTI W'BDIEWA TA DAWN L-INHAWI LI DEJJEM JINDUKRAW GHALINA DIN IL-KAPPELLA TA SANT ANNA FIL-PWALES

NIRRINGRAZZJA LILKHOM LKOLL GHAWN MIGBURA, TAS-SUPPORT LI TAGHTUNA F'DAK LI NHEJJU GHALIKHOM

MILL GDID INSELLEM LI KULL WIEHED U WAHDA MINNKHOM U FIL WAQT LI NAWGURALKHOM LEJLA MILL-ISBAH FI SPIRTU TA HBIBERIJA, NIXTIEQILKHOM VAGANZI SAJFIN TA PJACIR, PACI, HENA, SAHHA U SERHAN.